MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Numru. 1271/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs.**

**Priviledge sive Stephen Vatema sive Mupimhidzi;**

**Omissis;**

**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Priviledge sive Stephen Vatema sive Mupimhidzi ta' 22 sena, iben l'Sunungurai Vatema u l'Veronica nee' Zammit, imwieled Harare Zimbabwe fl-14 t'Ottubru 1986, residenti Liliana Flats, Blk B, Flt 2A, Triq Gulju, Bugibba, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 123804L; u

Omissis; u

Omissis.

Akkuzat talli fix-xahar t'Awwissu 2008 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ai termini ta' l-artikolu 18 tal-Ligijiet ta' Malta Kapitolu 9 u cioe':

1. Talli f'San Pawl il-Bahar, fil-perjodu ta' bejn ix-xhur ta' Mejju u Awwissu 2008, matul il-jum, ikkommetta serq ta' mobile phone tal-marka Samsung G600 u ta' iPod tal-marka Apple mill-kamra numru 540, tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sehh ghad-detriment ta' Manon Laoni u/jew ta' persuna/i ohra;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq t'oggetti fosthom mobile phone tal-marka Sony Ericcson mill-kamra numru 440, tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sehh ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;

3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq t'oggetti mill-kamra numru 444, tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sehh ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;

4. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' serq mill-kamra numru 439, tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz;

Kif ukoll akkuzat talli:

5. F'San Pawl il-Bahar fil-perjodu ta' bejn ix-xhur ta' Mejju u Awwissu 2008, matul il-jum ikkommetta serq ta' oggetti mill-kamra numru 4423 tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sehh ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;

6. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi mmedjatament hawn fuq imsemmija, kkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flus kontanti, digital camera tal-marka Olympus u MP3 mill-kamra numru 4424, tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sehh ghad-detriment ta' Valeri Nora Shirt u/jew ta' persuna/i ohra;

7. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq t'oggetti fosthom ta' iPod mill-kamra numru 5524 tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sehh ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;

8. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flus kontanti u digital camera mill-kamra numru 410 tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha

u tletin centezmu (€2329.37) u li sehh ghad-detriment ta’ Julia Karolina Halen u/jew ta’ persuna/i ohra;

9. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq t’oggetti mill-kamra numru 239 tal-lukanda St. Paul’s sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sehh ghad-detriment ta’ persuna/i mhux maghrufa;

10. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq t’oggetti mill-kamra numru 240 tal-lukanda St. Paul’s sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sehh ghad-detriment ta’ persuna/i mhux maghrufa;

11. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq t’oggetti fosthom iPhone, mobile phone u iPod mill-kamra numru 243 tal-lukanda St. Paul’s sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sehh ghad-detriment ta’ persuna/i mhux maghrufa;

12. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq t’oggetti fosthom ta’ speaker ta’ iPod mill-kamra numru 340 tal-lukanda St. Paul’s sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sehh ghad-detriment ta’ persuna/i mhux maghrufa;

13. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq t’oggetti fosthom ta’ digital camera mill-kamra numru 341 tal-lukanda St. Paul’s sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sehh ghad-detriment ta’ persuna/i mhux maghrufa;

14. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom flus kontanti, ta’ mobile phone tal-marka Sagem, ta’ mobile phone iehor tal-marka Ericcson, ta’ iPod tal-marka Apple, ta’ digital camera, ta’ photographic camera tal-marka Panasonic, u ta’ xi hwejjeg, mill-kamra numru 7724 tal-lukanda St. Paul’s sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin

centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sehh ghad-detriment ta’ Matteo Salvatori u/jew persuna/i ohra;

15. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom flus kontanti, video camera tal-marka Samsung, u MP3, mill-kamra numru 7723, tal-lukanda St. Paul’s sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sehh ghad-detriment ta’ Tomaso Scopoletti u/jew persuna/i ohra;

16. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom digital camera, mill-kamra numru 6624 tal-lukanda St. Paul’s sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u li sehh ghad-detriment ta’ persuna/i mhux maghrufa;

17. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq ta’ oggetti fosthom mobile phone tal-marka Samsung, iPod, MP3 u digital camera, mill-kamra numru 3318 tal-lukanda St. Paul’s sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sehh ghad-detriment ta’ persuna/i mhux maghrufa;

18. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ serq mill-kamra numru 5523 tal-lukanda St. Paul’s sitwata fi Triq it-Turisti, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu, u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz;

19. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, bil-hsieb li jghamel delitt, u cioe’ serq mill-kamra numru 6623 tal-lukanda St. Paul’s sitwata fi Triq it-Turisti, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz;

20. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, bil-hsieb li jghamel delitt, u cioe' serq mill-kamra numru 3324 tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz;

21. F'San Pawl il-Bahar fil-perjodu ta' bejn ix-xhur ta' Mejju u Awwissu 2008, matul il-lejl ikkommetta serq t'oggetti fosthom digital camera tal-marka Sony mill-kamra numru 4491, tal-lukanda Topaz sitwata fi Triq il-Mistrieh, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-hin, u li sehh ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;

22. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, hin, lok u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, ikkommetta serq t'oggetti fosthom digital camera tal-marka Sony mill-kamra numru 3368, tal-lukanda Topaz sitwata fi Triq il-Mistrieh, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-hin, u li sehh ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;

Finalment qed jigi akkuzat wahdu talli:

23. Sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

24. Kif ukolli talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija lilu nhar it-23 ta' Mejju, 2007 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

25. U finalment talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu skond il-provedimenti ta' l-Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, fi zminijiet differenti.

Il-Qorti tirrileva illi dawn il-proceduri huma biss fil-konfront ta’ l-imputat Priviledge sive Stephen Vatema sive Mupimhidzi biss, stante li l-proceduri kontra z-zewg imputati l-ohra gew separati fuq talba tal-prosekuzzjoni.[1]

Rat il-kunsens mibghuta mill-Avukat Generali fl-24 ta’ Dicembru, 2008, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi hekk trattata u deciza minn din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Rat li l-imputat, debitament assistit mill-avukat difensur tieghu, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kollha kontrih fis-seduta tat-3 ta’ Marzu 2010.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti fuq il-piena.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet, dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet enumerati minn numru wiehed (1) san-numru erbgha u ghoxrin (24).

[1] Ara l-ordni ghas-separazzjoni tal-gudizzju fis-seduta tat-3 ta’ Gunju 2009 (fol. 19 tal-process) u l- ordni l-iehor ghas-separazzjoni tal-gudizzju fis-seduta tat-2 ta’ Dicembru, 2009 (fol 37 tal-process).

Minkejja li fil-verbal fuq citat, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u ghalhekk ammetta anki ghall-imputazzjoni numru hamsa u ghoxrin (25), il-Qorti, minkejja din l-ammissjoni, ghandha raguni tajba biex temmen li l-imputat mhux hati ta' din l-imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu skont l-Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu, il-Prosekuzzjoni la indikat u wisq inqas gabet prova ta' liema huma dawn is-sentenzi, kif kienet obbligata li taghmel. Kif gie ritenut diversi drabi f'dan ir-rigward, il-fedina penali mhix prova bizzejjed. Ghaldaqstant, il-Qorti se tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

Ghar-rigward l-imputazzjoni numru erba' u ghoxrin (24), u cioe li ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija lill-imputat fit-23 ta' Mejju 2007, ghalkemm dan il-fatt jirrizulta mill-provi u anki mill-ammissjoni tal-imputat, madanakollu mis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-25 ta' Awwissu 2008, ezebita bhala Dok JM[2], jirrizulta li s-sentenza sospiza tat-23 ta' Mejju 2007 giet reza operativa bis-sentenza tal-25 ta' Awwissu 2008. Ghaldaqstant, il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat li saret fi stadju pjuttost bikri tal-proceduri, u li l-imputat ikkopera bi shih mal-Pulizija fl-istadju tal-investigazzjoni, u skont l-Ufficcjal Prosekutur ghamel l-ghalmu tieghu biex igib l-affarijiet li seraq lura, ghalkemm ma rnexxielux.[3]

Pero il-fedina penali tal-imputat hija wahda raffrettarja u minkejja l-eta zghira tieghu ghandu ghaxar (10) kundanni minn dawn il-Qrati. Huwa nstab hati ta' sitt (6) imputazzjonijiet relatati ma' serq kif ukoll zewg kundanni li ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq persuni u kundanna ohra li ikkaguna ferita hafifa fuq persuna ohra.

[2] Ara fol. 51 tal-process.
[3] Ara trattazzjoni tal-Ispettur Jesmond Micallef a fol. 72 tal-process.

Il-Qorti kienet ordnat *pre-sentencing report* u minn dan ir-rapport jirrizulta li l-imputat kellu tfulija difficli, billi z-zewg genituri tieghu mietu sakemm kellu disa' (9) snin u kellu jghix f'orfanatrofju. Ghalkemm gie *fostered* ghal xi raguni ma integrax mal-*foster parents* tieghu u qabad il-vizzju tad-droga li ovvjament qabbdu l-hajja kriminali. Il-Qrati tawh diversi opportunitajiet li jirriforma permezz ta' *Probation Orders* u sentenzi sospizi, pero kien kollu ta' xejn.

Skont il-*pre-sentencing report* tal-11 t'April 2011, tal-Probation Officer Ivan Sultana l-imputat *"baqa' fil-hajja ta' kriminalita sakemm … … fil-25 t'Awwissu 2008 nghata sentenza ta' prigunerija. F'dan il-perjodu, Priviledge beda janalizza hajtu u jirrealizza li din kienet sejra ferm hazin. Kien f'dan il-punt li Priviledge ddecieda li jaghmel xi haga kostruttiva u ghaldaqstant impenja ruhu gewwa programm ghall-kontra l-abbuz tad-droga fi hdan is-Sedqa. Gewwa dan il-programm l-imputat hadem fuq diversi aspetti kif ukoll dak psikologiku.*

*Priviledge ikkonkluda l-programm tas-Sedqa fl-1 ta' Ottubru 2010. Jirrizulta li l-impenn ta' Priviledge gewwa dan il-programm kien wiehed ferm pozittiv u fil-fatt ikkonkluda dan il-programm bi hsibijiet godda u li jkun instrumentali fis-socjeta. Prezentement Priviledge qed isegwi kors ta' erba' snin l-ITS sabiex jahdem fl-industrija tal-catering. Priviledge ukoll iddecieda li jghix mal-foster parents tieghu minlok alternattivi ohra fejn kien milqugh gewwa darhom u jirrizulta li l-andament tieghu maghhom huwa wiehed ferm posittiv. Priviledge ukoll huwa kawt sabiex ma jkunx f'sitwazzjonijiet fejn jista' jizbalja. Dan gie nnutat waqt sessjonijiet l-Ufficcju tal-Probation bil-mod kif jirraguna fuq diversi aspetti ta' hajtu."*[4]

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Ufficcjal tal-Probation irrakkomanda li l-imputat jinghata Ordni ta' Probation u Servizz, skont l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li tinkorpora fiha l-element tal-Probation kif ukoll l-element ta' xoghol fil-komunita.

Wara li din il-kawza giet differita ghas-sentenza, fit-23 ta' Marzu 2012, l-Ufficjal tal-Probation Ivan Sultana ipprezenta nota fejn informa lill-Qorti, li minhabba tibdil fic-cirkostanzi tal-imputat, ir-rakkomandazzjoni originarjament sottomessa ta' Ordni ta' Probation u Servizz m'ghadhiex applikabbli. Fin-nota tieghu, l-Ufficcjal tal-Probation spjega li *"Dan it-tibdil fic-cirkostanzi sar maghruf minhabba li l-imsemmi* (l-imputat) *qed jigi segwit permezz ta' Ordni ta' Supervizjoni*

[4] Ara l-*Pre-Sentencing Report*, ezebit bhala Dok IS 1 a fol. 67 tal-process, pagni 14-15 tar-rapport.

*abbinata ma' Sentenza Sospiza datata 25 ta' Mejju 2009, dwar liema Ordni l-Ufficjal tal-Probation ghamel denunzja fit-23 ta' Dicembru 2011. Fl-14 ta' Dicembru 2011 kont gejt infurmat minghand is-Sinjuri John u Rosalie Sultana (foster parents ta' Stephen* (u cioe Priviledge) *li l-ikkoncernat telaq mid-dar minghajr ma tahom l-ebda tip ta' informazzjoni u li telaq mill-kors li kien qed isegwi gewwa l-ITS fuq bazi full-time. Fl-istess perjodu gejt infurmat mill-maniger tal-lukanda The Palace Hotel, fejn Muphimhidzi kien qed jahdem illi l-imsemmi ma dahalx ghax-xoghol hekk kif kien mistenni minnu skont ir-roster. L-Ufficjal tal-Probation, fuq din l-informazzjoni irnexxielu jistabilixxi kuntatt ma' l-imputat wara diversi tentattivi permezz tal-mobajl. Appuntament gie stabbilit fid-19 ta' Dicembru 2011, gewwa l-Ufficcju tal-Probation, liema appuntament l-imsemmi ipposponih u gie stabbilit appuntament iehor fl-20 ta' Dicembru 2011. Stephen falla dan l-appuntament u sakemm qed jigi pprezentat dan ir-rapport ma kien hemm ebda kuntatt min-naha tieghu."*[5]

Fis-seduta tat-30 ta' April 2012, din il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza in vista ta' din in-nota tal-Ufficcjal tal-Probation. F'dik is-seduta, l-Ufficcjal tal-Probation xehed li wara l-20 ta' Dicembru 2011, meta l-imputat falla l-appuntament, huwa cempel kemm il-darba lill-imputat fuq il-mobile number tieghu izda ma kienx jirrispondih, u ghalhekk ma baqghax icempillu, u l-imputat qatt iktar m'ghamel kuntatt mieghu.[6]

Fl-istess seduta, l-imputat xehed[7] li telaq mid-dar tal-*foster parents* tieghu ghax ma kienx qed jaqbel maghhom u mar joqghod ghand ohtu. Rigward il-fatt li ma kellimx lill-Ufficcjal tal-Probation tieghu, l-imputat jammetti li *"hadt decizjoni zbaljata"*. Fix-xhieda tieghu, l-imputat ma ta l-ebda raguni ghalfejn telaq ix-xoghol li kellu u l-kors li kien qed isegwi, pero qal li gimgha qabel dak in-nhar li xehed beda jahdem f'restaurant. Mistoqsi ghalfejn ma regghax ghamel kuntatt mall-Ufficcjal tal-Probation, wiegeb *"ma nafx."* Huwa xehed li hu ma zammx kuntatt mall-Ufficcjal tal-Probation minkejja li kien jaf li kellu ordni ta' supervizjoni taht sentenza sospiza, u kien konsapevoli x'jigri jekk ma jobdix din l-ordni.

Fid-dawl ta' din l-imgieba u anke xhieda xejn sodisfacenti tal-imputat, m'hemmx dubbju li r-ir-rakkomandazzjoni originarjament sottomessa mill-Ufficcjal tal-Probation ta' Ordni ta' Probation u Servizz m'ghadhiex applikabbli, stante li l-imputat ma ghadux persuna affidabbli u mhux qed juri herqa biex ikompli ghaddej fit-triq it-tajba.

[5] Ara nota tal-Ufficjal tal-Probation Ivan Sultana, debitament guramentata a fol. 78 tal-process.
[6] Ara xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Ivan Sultana a fol. 82 tal-process.
[7] Ara xhieda tal-imputat a fol. 85 *et seq.* tal-process.

Din il-Qorti hija prekluza mil-ligi milli tati lill-imputat sentenza ta' habs sospiza u dan stante li l-piena, anke fil-minimu taghha, tal-imputazzjonijiet li ghalihom l-imputat instab hati taqbez is-sentejn priguneria, li huwa l-massimu tal-piena karcerarja li l-Qorti tista' taghti, meta tati sentenza sospiza.[8] Fit-tieni lok, l-imputat huwa ukoll recidiv, u allura ghal din ir-raguni wkoll ma jistghax jinghata sentenza sospiza.[9]

Ghaldaqstant, idejn il-Qorti huma marbuta, u trid bil-fors tati piena karcerarja effettiva.

Fl-ikkalibrar ta' din il-piena karcerarja, il-Qorti zammet quddiem ghajnejha ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u l-progress li kien ghamel l-imputat, u ghalhekk jidhrilha li l-piena ghandha tkun fil-minimu taghha.

Pero l-piena fil-minimu taghha xorta se tkun wahda sostanzjali stante li f'dawn il-proceduri, l-imputat instab hati ta' tnejn u ghoxrin (22) reat: seba' (7) serqiet aggravati bil-mezz u bil-valur, zewg (2) serqiet aggravati bil-mezz u bil-hin, ghaxar (10) serqiet aggravati bil-mezz, u tlett (3) attentati ta' serq aggravati bil-mezz.

Il-Qorti ma thossx li fic-cirkostanzi ghandha zzid il-piena bi grad skont l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, billi dan kien reat kontinwat. Pero l-Qorti, in vista tal-kundanni precedenti tal-imputat, ser izzid il-piena bi grad, stante li huwa recidiv – anzi recidiv plurimu – fir-reat ta' serq – ir-reati li taghhom instab hati f'dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti:

[8] Ara Artikolu 28A(1) u 28E(1) tal-Kodici Kriminali.
[9] Ara Artikolu 28A(7) tal-Kodici Kriminali.

1. tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni numru hamsa u ghoxrin (25) u qed tilliberah minnha;
2. wara li rat l-Artikoli 28B tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni numru erba’ u ghoxrin (24), imma tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha, stante li s-sentenza sospiza hemm imsemmija diga giet reza operattiva; u
3. wara li rat l-Artikoli 18, 261(b),(c) u (f), 263, 267, 270, 278, 20 u 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-hati ghal sitt (6) snin prigunerija effettivi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------